Nru. 17,745
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 22 ta' Marzu, 2005
Tuesday, 22nd March, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 292

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. IV ta' l-2005 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji.

It-22 ta' Marzu, 2005

Nru. 293

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,742 u 17,744 tal-15 u t-18 ta' Marzu, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 69 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Problemi fi Spezzjonijiet tas-Saħħa u Veterinarji meta ssir l-Importazzjoni ta' Annimali Bovini, Majjali, u Laħam Frisk minn Pajjiżi Terzi.

A.L. Nru. 70 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Lista ta' Użu Intiż għal

GOVERNMENT NOTICES

No. 292

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. IV of 2005 entitled the Prevention of Financial Markets Abuse Act, 2005.

22nd March, 2005

No. 293

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,742 and 17,744 of the 15th and 18th March, 2005, respectively.

L.N. No. 69 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Health and Veterinary Inspection Problems upon Importation of Bovine Animals, Swine and Fresh Meat from Third Countries Rules, 2005.

L.N. No. 70 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); List of Intended Uses of Animal Feedingstuffs for Particular

Ħwejjeġ ta' l-Ikel għall-Annimali għal Għanijiet Nutrittivi Partikolari.

Nutritional Purposes Rules, 2005.

A.L. Nru. 71 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Ħtiġijiet għad-Determinazzjoni ta' Livelli ta' Dijossini u *PCB's* bħad-Dijossina fl-Għalf.

L.N. No. 71 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Requirements for the Determination of Levels of Dioxins and Dioxin-like PCBs in Feedingstuffs Rules, 2005.

A.L. Nru. 72 ta' l-2005: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Mediċini (Awtorizazzjoni għal Tqegħid fis-Suq).

L.N. No. 72 of 2005: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Medicines (Marketing Authorisation) (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 73 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ tat-Taqsima XI.

L.N. No. 73 of 2005: Budget Measures Implimentation Act, 2005 (Act No. II of 2005); Notice of coming into force of Part XI.

A.L. Nru. 74 ta' l-2005: Ordinanza dwar l-Isplussivi (Kap. 33); Regolamenti ta' l-2005 dwar Splussivi Ċivili (Identifikazzjoni).

L.N. No. 74 of 2005: Explosives Ordinance (Cap. 33); The Civil Explosives (Identification) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 75 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Metodu Analitiku biex jiġu determinati l-Kostitwenti li Joriġinaw mill-Annimali għall-Kontroll Uffiċjali tal-Prodotti ta' l-Ikel.

L.N. No. 75 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Rules on the Analytical Method for the Determination of Constituents of Animal Origin for the Offical Control of Feedingstuffs, 2005.

A.L. Nru. 76 ta' l-2005: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali.

L.N. No. 76 of 2005: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils Act (Amendment of Eighth Schedule) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 77 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Kategoriji ta' Materjali għall-Ikel li jistgħu jiġu użati għat-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti ta' l-Ikel Komposti għal Annimali Domestiċi.

L.N. No. 77 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Categories of Feed Materials which may be used for the Purposes of Labelling Compound Feedingstuffs for Pet Animals Rules, 2005.

A.L. Nru. 78 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Ġbir ta' Informazzjoni fuq Żoonosi u Aġenti Żoonotiċi.

L.N. No. 78 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Collection of Information on Zoonoses and Zoonotic Agents Rules, 2005

A.L. Nru. 79 ta' l-2005: Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi (Kap. 191); Ordni ta' l-2005 li jemenda l-Ordni dwar l-Applikazzjoni tat-Taqsima III ta' l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi.

L.N. No. 79 of 2005: Diplomatic Immunities and Privileges Act (Cap. 191); Application of Part III of the Diplomatic Immunities and Privileges Act (Amendment) Order, 2005.

It-22 ta' Marzu, 2005

22nd March, 2005

Nru. 294

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħadd, l-20 ta' Marzu, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

L-20 ta' Marzu, 2005
(OPM 1/2005)

No. 294

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Sunday, 20th March, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

20th March, 2005

Nru. 295

TIĠDID TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9 (1) ta' dik l-Ordinanza.

It-22 ta' Marzu, 2005
(File No. A4148/97/1)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħ'Attard:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 48.4 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern amministrata mill-Uffiċċju Konġunt u mil-Lbiċ ma' Triq iż-Żbiba.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta P.D.JO_51_2004 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-11 ta' Marzu, 2005

No. 295

RELETTING OF AGRICULTURAL LEASES

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9 (1) thereof.

22nd March, 2005

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Attard:–

1. A plot of land of the area of about 48.4 square metres, bounded on the North East and the North West by Government property administered by the Joint Office and on the South West by Triq iż-Żbiba.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D.JO_51_2004, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

11th March, 2005

Nru. 296

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-22 ta' Marzu, 2005

(File No. L972/86)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni ta' l-Aġent President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Jannar, 1988, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 32, l-Aġent President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħal Għargħur:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,556 metru kwadru li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Anthony Cuschieri, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Bezzina u mil-Lbiċ ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta L.D. 201/87, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Il-11 ta' Marzu, 2005

No. 296

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

22nd March, 2005

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the Acting President of Malta published in the Government Gazette of the 15th January, 1988, under Government Notice No. 32, the Acting President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Għargħur:

1. A plot of land of the area of about 2,556 square metres, bounded on the North East by property of Mr Anthony Cuschieri, on the West by property of Mrs Josephine Bezzina and on the South West by a public road.

The abovementioned land is shown marked on plan L.D. 201/87, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

11th March, 2005

Nru. 297

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-22 ta' Marzu, 2005
(File No. L918/76)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Ġunju, 1997 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 344, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art f'Ħal Għargħur tal-kejl ta' 831.9 metri kwadri, li tinkludi kamra, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sinjura Carmela Naudi, mil-Lvant u mill-Grigal ma' proprjetà tad-Ditta Scicluna Estates u min-Nofsinhar ma' sqaq, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fis-Swieqi, limiti ta' Ħal Għargħur:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,850 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Scicluna's Estates, mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sinjura M. Agius u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* bl-ittra B fuq pjanta L.D. 271/76/3 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-11 ta' Marzu, 2005

No. 297

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

22nd March, 2005

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 24th June, 1997 under Government Notice No. 344, the President of Malta had declared that a plot of land at Għargħur of the area of 831.9 square metres, which includes a room, bounded on the North West by property of Mrs Carmela Naudi, on the East and the North East by property of Messrs Scicluna Estates and on the South by an alley, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Swieqi, limits of Għargħur:

1. A plot of land of the area of 1,850 square metres, bounded on the North West by property of Scicluna's Estates, on the South West by a public road and on the South East by property of Mrs M. Agius and others.

The abovementioned land is shown marked with the colour red and as plot with the letter B on plan L.D. 271/76/3 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

11th March, 2005

Nru. 298

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

DIVIŻJONI TAL-KONSUMATUR U TAL-KOMPETIZZJONI

Nomina ta' Arbitru fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat moghtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ħatar lil Dott. Martin Fenech, LL.D., Dip.Adv.Eur.Stud (Bruges) bħala Arbitru tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi b'seħħ mit-23 ta' Jannar 2005 għal perjodu ta' tliet snin.

It-22 ta' Marzu, 2005

No. 298

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

CONSUMER AND COMPETITION DIVISION

Appointment of Arbiter of the Consumer Claims Tribunal

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by subsection (2) of section 17 of the Consumer Affairs Act (Cap. 378), the Prime Minister and Minister of Finance has appointed Dr Martin Fenech, LL.D., Dip. Adv.Eur.Stud. (Bruges), as Arbiter of the Consumer Claims Tribunal with effect from the 23rd January 2005 for a period of three years.

22nd March, 2005

Nru. 299

BORD KONSULTATTIV DWAR ID-DISINN TAL-BOLLI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva li l-Bord Konsultattiv dwar id-Disinn tal-Bolli għas-sena 2005 ikunu kostitwit kif ġej:–

Chairman
Is-Sur A P Pavia, D.P.A.

Membri
Is-Sur Anthony Barbaro Sant
Is-Sur John Bonnici, Dip. Fine Arts (Rome)
Is-Sur Dominic Cutajar, B.A.
Dott. Vincent A Depasquale, B.A., LL.D.
Is-Sur Anthony J Fenech
Is-Sur John A Mizzi

Segretarju
Is-Sur Noel Gauci

It-22 ta' Marzu, 2005

No. 299

STAMP DESIGN ADVISORY BOARD

IT is notified for general information that the Minister for Competitiveness and Communications has approved that the Stamp Design Advisory Board for the year 2005 be constituted as follows:–

Chairman
Mr A P Pavia, D.P.A.

Members
Mr Anthony Barbaro Sant
Mr John Bonnici, Dip. Fine Arts (Rome)
Mr Dominic Cutajar, B.A.
Dr Vincent A Depasquale, B.A., LL.D.
Mr Anthony J Fenech
Mr John A Mizzi

Secretary
Mr Noel Gauci

22nd March, 2005

Nru. 300

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Nomina ta' Arbitru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għoġobha taħtar lil Dott. Audrey Demicoli, LL.D., biex tkun Arbitru għall-finijiet ta' dak l-Att.

Din il-ħatra tibqa' sseħħ sal-31 ta' Diċembru, 2005.

It-22 ta' Marzu, 2005

No. 300

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Umpire

IN exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for the Family and Social Solidarity is pleased to appoint Dr Audrey Demicoli, LL.D., to be Umpire for the purposes of that Act.

This appointment shall remain valid up to the 31st December 2005.

22nd March, 2005

Nru. 301

AWTORITÀ MALTIJA DWAR
L-I*STANDARDS*

Nomina ta' Kap tad-Direttorat tal-Metroloġija

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-sub-artikoli (16 u 17) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* (Att Nru. XIX ta' l-2000), l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, ħatret lill-Ing. Joseph A. Bartolo, B.Mech. Eng. (Hons) bħala Kap tad-Direttorat tal-Metroloġija b'seħħ mill-1 ta' Marzu, 2005 għal perijodu ta' tliet snin.

It-22 ta' Marzu, 2005

No. 301

MALTA STANDARDS
AUTHORITY

Appointment of Head of Metrology Directorate

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by sub-articles (16 and 17) of Article 3 of the Malta Standards Authority Act (Act No. XIX of 2000), the Malta Standards Authority, after consulting the Minister for Competitiveness and Communications, has appointed Ing. Joseph A. Bartolo, B.Mech. Eng. (Hons) as Head of Metrology Directorate within the Malta Standards Authority with effect from 1st March 2005 for a period of three years.

22nd March, 2005

Nru. 302

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika

No. 302

TRADING LICENCES ACT
(CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following grocer located at

dan il-ħanut tal-merċa li jinsab fir-Rabat, Għawdex li jista' jiftaħ fil-Ħdud u l-festi pubbliċi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Marzu 2005. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

Victoria, Gozo, which is to open during Sundays and other public holidays from 1st March till 31st March 2005. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above mentioned regulations.

Numru ta' riferenza *Reference number*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of commercial premises*
CD/3218/2005 Pt 5	Crai Delicatessen Tiġrija Palazz Republic Street Victoria Gozo

It-22 ta' Marzu, 2005

22nd March, 2005

Nru. 303

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 303

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjan Lokali
Application for licence of Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Majid Gill	12399 (M)	39, Triq il-Kunċizzjoni, Marsa

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Anthony Micallef	239880 (M)	"Carinzia", Triq Massimiliano Debono, Lija
Carmel Borg	379685 (M)	36, "Carmel House", Triq il-Kileb, Mqabba

Alfred Vella	746748 (M)	"Dainty Flats", Flat 1, Triq Monsinjur Depiro, Sliema
Stephen Camilleri	181168 (M)	"Sacred Heart", Triq il-Kbira, Sqaq Numru 1, Żebbuġ
Rennie Attard	159478 (M)	Flat 1, Tal-Palazz l-Aħmar, Bini tal-Gvern, Blokk B, Santa Venera
Adrian Formosa	241878 (M)	1, Blokk 6B, San Ġwann Ta' Għuxa, Bormla
Joseph Seguna	104884 (M)	80, Triq Santa Marija, Żebbuġ
Andrew Cutajar	490963 (M)	7, Triq Osbert Chadwick, Ħal Farruġ, Luqa
Alistair Bianco	526979 (M)	Blokk G, Flat 6, Qasam Ħal Tmiem, Żejtun
Charles Cassar	534882 (M)	34, "Santa Rita", Triq Franġisk Zahra, Żurrieq

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-22 ta' Marzu, 2005

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

22nd March, 2005

Nru. 304

Att dwar il-LiĊenzi tal-KummerĊ (Kap. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 304

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 531	Philip Micallef	5, New Street in Triq Tal-Ħlas Qormi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	18.03.05
CD/3209/2004 Pt 283	Raymond Grima	Maksims Daniel Court, Nru 1, Triq il-Qaliet Marsascala	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	15.03.05
CD/3209/2005 Pt 3	Elaine Mirabile Camilleri	'Vanity Fair' 3, Triq il-Btieti Marsascala	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022	16.03.05
CD/3209/2005 Pt 19	Manuel Attard	Pop in Bakery & Confectionery 36, Triq id-Duluri Ħamrun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.11 52.22 52.23 52.24	16.03.05

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 83	Anthony Gatt	13, Triq Giorgio Preca San Ġwann	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.9 52.47	16.03.05
CD/3209/2005 Pt 85	Noel Borg	Purple Rain Detergent Shop 209, Triq il-Madonna tal-Ħniena Żejtun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	16.03.05
CD/3209/2005 Pt 86	William Sciberras	87, Triq il-Belt Valletta Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	16.03.05
CD/3209/2005 Pt 90	Giuseppe Carmelo Borzi	Danza Shop Level O, The Plaza Shopping Centre Bisazza Street Sliema	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	15.03.05
CD/3209/2005 Pt 91	Jason Vella	J & S Trading Grosetto Street Tal-Qattus Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45	15.03.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

THE EUROPEAN AVIATION SAFETY AGENCY OF THE EUROPEAN UNION

Vacancy Notices

The European Aviation Safety Agency (EASA) is seeking applications for the following positions:

Reference	Title	Closing Date
EASA/lll/2005/036	Administrative Assistant (12 posts)	01/04/2005
EASA/AD/2005/040	Legal Adviser	11/04/2005
EASA/AD/2005/039	Rulemaking Officer (Continuing Airworthiness)	11/04/2005
EASA/AD/2005/038	Rulemaking Officer	11/04/2005
EASA/AD/2005/045	Head of Personnel	08/04/2005

All the information concerning these vacancy notices such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the EASA website www.easa.eu.int section, "Careers". Notice of the vacancies was also published on the European Personnel Selection Office (EPSO) website at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm

Candidates applying for several positions must send one application per vacancy.

Department of Policy and Plannning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

22nd March, 2005

EUROPEAN UNION

EUROPEAN AGENCY FOR SAFETY AND HEALTH AT WORK

Vacancy for Human Resources Manager
(Ref: EUOSHA/A/05/1)

The European Agency for Safety and Health at Work, whose aim is to promote safe, healthy and productive workplaces by providing the Community institutions, the Member States and those involved in health and safety at work with technical, scientific and economic information, is organising a selection procedure with a view to drawing a reserve list for the recruitment of a temporary agent for the following position:

EUOSHA/A/05/1: Human Resources Manager (A*6)

The selected candidate may be offered a 3-year renewable contract in accordance with the Staff Regulations of the European Communities.

Further information on academic qualifications and on a detailed job description for the position may be obtained from the Agency's website at http://agency.osha.eu.int/jobs/en/07_03_2005/index.htm.

Application forms may be downloaded by clicking the hyperlinks indicated in the above-mentioned website. Documentation can also be obtained by sending a fax or letter indicating the reference of the post to the European Agency for Safety and Health at Work, Gran Via. 33, E- 48009 Bilbao, Spain, Fax +34 94 479 43 83.

Candidates are invited to send the above-mentioned form, duly signed with all documentary evidence and with the reference number of the selection chosen clearly indicated on the envelope and on the application form (EUOSHA/A/05/1), by registered

post only, not later than the 28th March 2005 (date of postmark) to the following address: European Agency for Safety and Health at Work, Gran Via 33, E-48009 Bilbao, Spain.

Candidates are to ensure that the application form must include photocopies of diplomas, certificates and other supporting documents concerning professional experience as well as proof of nationality. Incomplete applications will not be considered. Candidates must be prepared to submit proof of other qualifications upon request. Successful candidates included in reserve lists will be required to produce originals of their diplomas, academic qualifications and employment certificates.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

22nd March, 2005

EUROPEAN UNION

Positions as Temporary Agents with EUROJUST

1. Secretary to Eurojust (Maltese Desk)

2. Security Support Officer

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published two vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of EUROJUST, for the recruitment of the following positions as Temporary Agents:

1. Ref: 05/EJ/ 62 - Secretary to Eurojust (Maltese Desk) (grade C*1)
2. Ref: 05/EJ/ 61 - Security Support Officer (grade C*1)

The Secretary to Eurojust (Maltese Desk) will provide secretarial support to Eurojust, in particular to the National Member for Malta of the College of EUROJUST and will be in charge of confidential administrative work related to the Maltese desk.

The Security Support Officer will support the Security Officer at Eurojust by providing assistance in technical and electronic security as well as personal security for all post holders.

Eurojust is a European Union body established in 2002 to enhance the effectiveness of the competent authorities within Member States when they are dealing with serious cross-border and organised crime. Eurojust stimulates and improves the coordination of investigations and prosecutions and also supports the Member States in order to render their investigations and prosecutions more effective. Detailed information on Eurojust may be seen on the Eurojust website indicated below.

Interested persons are requested to use the prescribed application form provided by EUROJUST on its website at http://www.eurojust.eu.int, under "Recruitment/Application Forms", and follow the instructions there. Applicants are advised to read carefully the vacancy notice before submitting their application to ensure that they conform to all the requirements.

Further information on contractual conditions of employment, on duties, on qualifications and other eligibility requirements, and on method of application, may be found on the EUROJUST website or through the above EPSO website. The closing date for applications is 18th April 2005. Applications are to be sent by registered post to:

EUROJUST
Recruitment Office
P.O. Box 16183
2500 BD The Hague
The Netherlands

The reference number of the vacancy notice should be written on the cover of the application envelope.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

22nd March, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Persuni biex jaħdmu fuq Bażi Volontarja f'waħda mil-Libreriji ta' l-MCAST

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand voluntiera biex jaħdmu f'waħda mil-Libreriji ta' l-MCAST.

Min jinħatar ikun meħtieġ li jaqdi dmirijiet skond il-kwalifiki u l-esperjenza u taħt id-direzzjoni ta' l-I*staff* tal-Librerija. L-aħjar kandidati jkunu dawk li jkollhom esperjenza preċedenti f'libreriji akkademiċi u/jew pubbliċi. Ikunu kkunsidrati wkoll kandidati oħra.

Persuni interessati għandhom jibagħtu *curriculum vitae* jew il-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Raħal Ġdid, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-4 ta' April, 2005. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mil-Librar tal-Kulleġġ fuq 21 894 932.

Il-Libreriji ta' l-MCAST jinsabu f'Raħal Ġdid, l-Imsida, il-Kalkara, Tas-Sliema, in-Naxxar, il-Mosta, Ħal Luqa u Għawdex.

It-22 ta' Marzu, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Persons to work on a Voluntary Basis in one of the MCAST Libraries

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from volunteers to work in one of the MCAST Libraries.

The appointees, under the direction of Library Staff, will undertake duties according to their qualifications and experience. The ideal candidates would have previous experience in academic and/or public libraries. Other candidates would also be considered.

Interested persons should submit a Curriculum Vitae or the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office, Paola by not later than noon of Monday, 4th April 2005. For further information one can contact the College Librarian on 21894932.

The MCAST libraries are located in Paola, Msida, Kalkara, Sliema, Naxxar, Mosta, Luqa and Gozo.

22nd March, 2005

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami ta' l-*EFL* ta' Marzu 2005

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf il-kandidati illi l-orarji ta' l-eżami msemmi hawn fuq intbagħtu lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-orarji għandhom minnufih jikkuntattjaw lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew iċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

It-22 ta' Marzu, 2005

EXAMINATIONS DEPARTMENT

EFL Examinations March 2005

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the above mentioned examination have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo, immediately.

22nd March, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi skond Klawsola 5(2) (f) tar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku, ġew approvati l-varjazzjonijiet li ġejja mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp.

MINISTRY FOR GOZO

The Ministry for Gozo notifies that in terms of Clause 5 (2) of the Public Service (Procurement) Regulations, 1996, the following variations from the Department of Projects and Development Gozo were approved.

Suġġett u Lokazzjoni *Subject and Location*	Kuntrattur *Contractor*	Data ta' l-approvazzjoni *Date of Approval*	Varjazzjoni *Variation*
Hire of self-drive cars - Gozo	Maylo Car Rentals	21.05.2004	Lm968.00
Urgent maintenance works - Għajnsielem, Gozo	Ganpet Ltd	20.05.2004	Lm408.00
Purchase of drainage pump accessories – Qala and Nadur, Gozo	Eng. & Technology Ltd	09.06.2004	Lm645.86
Purchase of blinds and insect screens – Victoria, Gozo	Carmel Camilleri	02.06.2004	Lm137.00
Sewer works – Kerċem, Gozo	Ganpet Ltd	16.06.2004	Lm113.81
Supply, transport and lay of hot asphalt – Gozo	Joymar Ltd	29.07.2004	Lm5,820.20
Supply and installation of suspended ceiling and luminaries at the Ministry for Gozo	Home Interior Decorations	15.10.2004	Lm115.18
Hire of self-drive vans – Gozo	ER Car Hire Ltd	21.12.2004	Lm1,569.34
Hire of tipper trucks – Gozo	Euchar Mercieca Auto Ltd	29.12.2004	Lm6,127.77
Hire of a bulldozer – Xagħra, Gozo	Joseph Attard	23.12.2004	Lm1,723.60
Road works at Rinota and Andrijiet Streets – Munxar, Gozo	P & J Debono Cons. Ltd.	11.01.2005	Lm871.11

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Marzu, 2005 għal:

CT 29/2005. Disinjar, speċifikazzjonijiet tekniċi u *project management* ta' Proġett 36 - *Niche Tourism* għall-Gżira ta' Għawdex - Bini ta' *artificial dive sites* u *re-compression chamber* - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-31 ta' Jannar 2005.

CT 30/2005. Korsijiet u skemi għal Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC), Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-31 ta' Jannar 2005.

CT 55/2005. Tiswijiet ta' *seawall* fil-*Promenade* ta' l-Isla - Ministeru għal Żvilupp Urban u Toroq. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughsman*, Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas d-dritt neċessarju ta' Lm10.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' Marzu, 2005 għal:

CT 37/2005. *Establishing civic amenity* u *bring in sites, a separate waste collection* u *an integrated communications strategy - WasteServ Malta Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-3 ta' Frar 2005.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' April, 2005 għal:

CT 44/2005. Provvista ta' servizzi ta' ditta konsultattiva għat-Taħriġ ta' *SMEs* - Korporazzjoni Maltija għall-Intraprizà. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Frar 2005.

CT 62/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' njam tat-tip parana u iroko lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 63/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *envelopes* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th March, 2005, for:

CT 29/2005. Design, technical specifications and project management of Project 36, Niche Tourism for the Island of Gozo - Construction of artificial dive sites and re-compression chamber - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 31st January 2005.

CT 30/2005. Courses and schemes for the Employment and Training Corporation (ETC), Gozo - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 31st January 2005.

CT 55/2005. Repairs to seawall at Senglea Promenade - Ministry for Urban Development and Roads. The relative drawings can be collected from the Chief Draughsman's Office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm10.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 29th March, 2005, for:

CT 37/2005. Establishing civic amenity and bring in sites, a separate waste collection and an integrated communications strategy - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd February 2005.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th April, 2005, for:

CT 44/2005. Procurement of consultancy firm for training of SMEs - Malta Enterprise Corporation. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 8th February 2005.

CT 62/2005. Period contract for the supply of parana and iroko timber to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 63/2005. Period contract for the supply of envelopes to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' April, 2005 għal:

CT 49/2005. Provvista ta' ħwejjeġ protettivi bil-*plates* ballistiċi ta' magħhom - Forzi Armati ta' Malta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-12 ta' April, 2005 għal:

CT 34/2005. Provvista ta' pilloli *venlafaxine 37.5mg* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Frar 2005.

CT 35/2005. Provvista ta' pilloli *hydroxyzine 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Frar 2005.

CT 36/2005. Provvista ta' *budesonide 200mcg inhaler* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Frar 2005.

CT 46/2005. Disinjar, żviluppar u implimentazzjoni ta' *web based services integrated* ma' l-*Environment Information System,* Malta - L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' April, 2005 għal:

CT 52/2005. Xogħlijiet ta' toroq fi Triq Troubridge, Albert Town - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 53/2005. Xogħlijiet ta' toroq fi Triq Marjanu Gerada, Ħal Tarxien - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 54/2005. Provvista ta' diversi oġġetti ta' għamara fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 56/2005. Proġett dwar il-Kwalità ta' l-Ilma tax-Xorb - Provvista ta' tagħmir għar-rinovar u l-immodernizzar ta' l-impjanti għad-desalinazzjoni - Korporazzjoni ta' l-Ilma. Irid jitħallas dritt ta' Lm150 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Frar, 2005.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' April, 2005 għal:

CT 47/2005. Xogħlijiet ta' rinovar fil-Villaġġ tas-Snajja' ta' Dbieġi, Għawdex - Malta Industrial Parks Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th April, 2005, for:

CT 49/2005. Supply of protective vests with associated ballistic plates - Armed Forces of Malta.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 12th April, 2005, for:

CT 34/2005. Supply of venlafaxine 37.5mg tablets - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 2nd February 2005.

CT 35/2005. Supply of hydroxyzine 25mg tablets - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 2nd February 2005.

CT 36/2005. Supply of budesonide 200mcg inhaler - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 2nd February 2005.

CT 46/2005. Design, development and implementation of web based services integrated with Environment Information System, Malta - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th April, 2005, for:

CT 52/2005. Road works at Triq Troubridge, Albert Town. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 53/2005. Road works at Triq Marjanu Ġerada, Tarxien. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-23 ta' Marzu, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/24/2005. Kostruzzjoni ta' drenaġġ fi Triq l-Imġarr, ir-Rabat, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSC/T/25/2005. Kostruzzjoni ta' drenaġġ fi Triq Ġdida 'l hinn minn Triq Keraba, ix-Xewkija, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

A fee of Lm10 should be paid for each copy of this tender document.

Category E – Estimated above Lm250,000 – Closing at Contracts Department, Floriana - 3 Envelope Procedure

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 19th April, 2005, for:–

E/E/T/PC3/2/2005. Period contract for the supply of distribution transformers

A fee of Lm25 should be paid for each copy of this tender document.

A bid-bond of Lm10,000 is to be submitted with the above tender.

Offers unaccompanied by the relevant technical literature and/or sample, when so required in the specification, may not be considered.

All forms of tenders/quotations and all related documents may be obtained from Enemalta Corporation, Central Administration Building, il-Moll tal-Knisja, Marsa, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

22nd March, 2005

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Wednesday, 23rd March, 2005 for:-

Advt. No. WSC/T/24/2005. Construction of sewers at Triq l-Imġarr, Victoria, Gozo.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSC/T/25/2005. Construction of sewers at New Street off Triq Keraba, Xewkija, Gozo.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-29 ta' Marzu, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/23/2005. Apparat ta' *escape breathing* u tagħmir ta' r*esuscitation.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-4 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/20/2005. Pompi taħt l-art ta' ilma li jinħela u aċċessorji.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-data ta' meta jintlaqgħu l-offerti ta' dan l-avviż ġiet estiża minn nhar it-Tnejn, il-21 ta' Marzu, 2005.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/27/2005. Kiri ta' *backactor/trencher* għal *wastewater unit.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSC/T/28/2005. *Reinstatement* ta' fetħiet f' toroq wara xogħlijiet magħmula mill-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' April, 2005, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/26/2005. *Manholes* u *frames* tal-ħadid fondut.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Dan l-avviż ġie estiż mit-Tlieta, it-12 ta' April, 2005.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 29th March, 2005 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/23/2005. Escape breathing apparatus and resuscitation equipment.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Monday, 4th April, 2005 for:-

Advt. No. WSC/T/20/2005. Submersible wastewater pumps and fittings.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

The closing date for the receipt of offers for this tender has been extended from Monday, 21st March 2005.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 15th April, 2005 for:-

Advt. No. WSC/T/27/2005. Hire of a backactor/trencher for wastewater unit.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSC/T/28/2005. Reinstatement of openings in roads following works undertaken by the Water Services Corporation.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 19th April, 2005 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/26/2005. Cast iron manholes and frames.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

This advertisement is being extended from Tuesday, 12th April, 2005.

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa, and further information

informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Purchasing*, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 05, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-22 ta' Marzu, 2005

regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Contracts and Purchasing Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 05, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

22nd March, 2005

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' April, 2005, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

AFM Avviż Nru. 9/05. Provvista ta' vannijiet kummerċjali – Forzi Armati ta' Malta.

AFM Avviż Nru. 10/05. Provvista ta' *helmets* militari – Forzi Armati ta' Malta.

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

It-22 ta' Marzu, 2005

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Tuesday, 5th April, 2005, for:–

AFM Advt. No. 9/05. Supply of commercial vans – Armed Forces of Malta.

AFM Advt. No. 10/05. Supply of military helmets - Armed Forces of Malta.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 4.00 p.m.

22nd March, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chairperson,* Awtorità tad-Djar, tgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-Avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Marzu, 2005, għal:–

Avviż Nru. 41. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1, Blokki A u B, (Tal-Ftieħ), Triq Giovanni Mamo, Birkirkara. Offerti taħt Lm9,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 42. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 78, Tal-Papa, Fażi III, Triq l-Imnarja, Birżebbuġa. Offerti taħt Lm3,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 43. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 2, fuq *plot* 48/49, Triq il-Lampuki, Buġibba. Offerti taħt Lm27,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 44. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 10, Blokk 1, Triq Hanover, Bormla. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes*

HOUSING AUTHORITY

The Chairperson, Housing Authority, notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana by noon on Wednesday, 30th March, 2005, for:–

Advt. No. 41. Sale tale quale of premises No. 1, Blocks A and B, (Tal-Ftieħ), Triq Giovanni Mamo, Birkirkara. Offers below Lm9,800 will not be considered.

Advt. No. 42. Sale tale quale of premises No. 78, Tal-Papa, Phase III, Triq l-Imnarja, Birżebbugia. Offers below Lm3,500 will not be considered.

Advt. No. 43. Sale tale quale of premises No. 2 on plot 48/49, Triq il-Lampuki, Buġibba. Offers below Lm27,200 will not be considered.

Advt. No. 44. Sale tale quale of premises No. 10, Block 1, Triq Hanover, Cospicua. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats

sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm3,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 45. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 2, Blokki 1 - 8, Triq l-Għarnuq, il-Fgura. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 46. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 7, Blokki 1 - 5, Triq Karlu Darmanin, Ħal Kirkop. Offerti taħt Lm5,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 47. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1, (Ħal Farruġ), Ħal Luqa. Offerti taħt Lm16,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 48. Bejgħ *tale quale* ta' fond Nru. 38, Binja Ħal Ġwieni, Triq Axtart, Marsaxlokk. Offerti taħt Lm5,600 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 49. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 4, Binja Ħarriġiet,Triq il-Barrieri, l-Imqabba. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm3,850 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 50. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 25, Blokk D, (Tas-Swatar), Triq Mons. Ġużeppi Camilleri, l-Imsida. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 51. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 4, Kat. B, Binja Qlejgħa, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa. Offerti taħt Lm3,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 52. Bejgħ *tale quale* ta' fond Nru. 41, Binja Sgħajtar, (Tas-Sgħajtar), Triq il-Bajtar, in-Naxxar. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm4,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 53. Bejgħ *tale quale* ta' fond Nru. 26, Blokk 5, *Site* B, Triq Pietru Darmenia, Pembroke. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-

as provided by law. Offers below Lm3,800 will not be considered.

Advt. No. 45. Sale tale quale of premises No. 2, Blocks 1 - 8, Triq l-Għarnuq, Fgura. This transfer is subject to the rent of Lm 1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes//flats as provided by law. Offers below Lm8,000 will not be considered.

Advt. No. 46. Sale tale quale of premises No. 7, Blocks 1 - 5, Triq Karlu Darmanin, Kirkop. Offers below Lm5,500 will not be considered.

Advt. No. 47. Sale tale quale of premises No. 1, (Hal-Farruġ), Luqa. Offers below Lm16,500 will not be considered.

Advt. No. 48. Sale tale quale of premises No. 38, Binja Ħal Ġwieni, Triq l-Axtart, Marsaxlokk. Offers below Lm5,600 will not be considered.

Advt. No. 49. Sale tale quale of premises No. 4, Binja Ħarriġiet, Triq il-Barrieri, Mqabba. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm3,850 will not be considered.

Advt. No. 50. Sale tale quale of premises No. 25, Block D, (Tas-Swatar), Triq Mons. Guzeppi Camilleri, Msida. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,500 will not be considered.

Advt. No. 51. Sale tale quale of premises No. 4, Cat B, Binja Qlejgħa, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa. Offers below Lm3,600 will not be considered.

Advt. No. 52. Sale tale quale of premises No. 41, Binja Sgħajtar (Tas-Sgħajtar), Triq il-Bajtar, Naxxar. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,800 will not be considered.

Advt. No. 53. Sale tale quale of premises No. 26, Block 5, Site B, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying

appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm4,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 54. Bejgħ *tale quale* ta' fond Nru. 4, Blokk 13, *Site* B, Triq Pietru Darmenia, Pembroke. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,400 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 55. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1 fuq *plot* 14, Triq Nazzareno Sammut, il-Qrendi. Offerti taħt Lm5,400 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 56. Bejgħ *tale quale* tal-fond bla nru. fuq *plot* 8, Triq Stafano Erardi, Ħal Safi. Offerti taħt Lm25,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 57. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 9, Blokki A u B,Triq Dun Ġużepp Calleja, Ħal Tarxien. Offerti taħt Lm2,100 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 58. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 32, Blokk B, Triq Porzjunkola, il-Qawra. Offerti taħt Lm4,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 59. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1, Blokk Ċ, Triq id-Dawret il-Qawra, il-Qawra. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm21,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 60. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 13, Triq il-Kunsill Ċiviku, ir-Rabat (Għawdex). Offerti taħt Lm13,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 61. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 4, Blokk 1, Triq ir-Rettur, iż-Żurrieq. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm4,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-22 ta' Marzu, 2005

maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,800 will not be considered.

Advt. No. 54. Sale tale quale of premises No. 4, Block 13, Site B, Triq Pietro Darmenia, Pembroke. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 55. Sale tale quale of premises No. 1, on plot 14, Triq Nazzareno Sammut, Qrendi. Offers below Lm 5,400 will not be considered.

Advt. No. 56. Sale tale quale of premises without a no. on plot 8, Triq Stafano Erardi, Safi. Offers below Lm25,200 will not be considered.

Advt. No. 57. Sale tale quale of premises No. 9, Blocks A and B, Triq Dun Ġużepp Calleja, Tarxien. Offers below Lm2,100 will not be considered.

Advt. No. 58. Sale tale quale of premises No. 32, Block B, Triq Porzjunkola, Qawra. Offers below Lm4,000 will not be considered.

Advt. No. 59. Sale tale quale of premises No. 1, Block C, Dawret il-Qawra, Qawra. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm21,500 will not be considered.

Advt. No. 60. Sale tale quale of premises No. 13, Triq il-Kunsill Ċiviku, Victoria (Gozo). Offers below Lm13,000 will not be considered.

Advt. No. 61. Sale tale quale of premises No. 4, Block 1, Triq ir-Rettur, Żurrieq. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,600 will not be considered.

Forms of tender may be obtained from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

22nd March, 2005

DIPARTIMENT TAL-BINI U TISWIJA TA' DJAR

Id-Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-24 ta' Marzu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 421. Bini ta' ġonna fuq quddiem is-Sit Ċ, Pembroke.

Għandu jithallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 422. Ittestjar ta' madum tal-konkrit u ċeramika li jintużaw għall-proġetti ta' l-Awtorità tad-Djar.

Għandu jithallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement,* Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jitniżżlu wkoll minn www.mfss.gov.mt jew www.welfare.gov.mt.

It-22 ta' Marzu, 2005

DEPARTMENT OF HOUSING CONSTRUCTION AND MAINTENANCE

The Director of Housing Construction and Maintenance notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 24th March, 2005 for:–

Advt. No. 421. Construction of front gardens at Site C, Pembroke.

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 422. Testing of concrete and ceramic tiles used in Housing Authority projects.

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Accounts and Procurement Section, Department of Housing Construction and Maintenance, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta. Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The tender documents may also be downloaded from www.mfss.gov.mt or www.welfare.gov.mt.

22nd March, 2005

AWTORITÀ MALTIJA DWAR IT-TRASPORT

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' April, 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Direttorat tan-*Network Infrastructure* (Direttorat tat-Toroq), Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. 3. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tat-Tramuntana.

*Avviż Nru. 4. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tan-Nofsinhar.

*Avviż Nru. 5. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tal-Lvant.

*Avviż Nru. 6. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun tal-Punent.

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Network Infrastructure Directorate (Roads Directorate), Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 12th April, 2005, for:-

*Advt. No. 3. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - North Region.

*Advt. No. 4. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - South Region.

*Advt. No. 5. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - East Region.

*Advt. No. 6. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - West Region.

*Avviż Nru. 7. Titjib u xogħlijiet ta' tiswija fil-karreġjata tat-toroq prinċipali - Reġjun Ċentrali.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tan-*Network Infrastructure* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar bil-ħlas ta' Lm50.00.

It-22 ta' Marzu, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' April, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/011/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' *general purpose safety, protective* u *occupational ankle boots/shoes*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSM/012/2005. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' *mobile plant for enabling works* fil-Magħtab *Waste Management Complex*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSM/013/2005. Kuntratt perjodiku qasir għall-ġarr ta' rifjuti u materjal imqatta' mill-Impjant għat-Trattament ta' l-Iskart Sant'Antnin.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

It-22 ta' Marzu, 2005

*Advt. No. 7. Upgrading and repair works to carriage ways on main roads - Central Region.

*Advertisements appearing for the first time

Forms of tender document may be obtained from the Network Infrastructure Directorate on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

22nd March, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 1st April, 2005, for:–

Advt. No. WSM/011/2005. Period contract for the provision and delivery of general purpose safety, protective and occupational ankle boots/shoes.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM/012/2005. Period contract for the hire of mobile plant for enabling works at the Magħtab Waste Management Complex.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM/013/2005. Short period contract for the transport of rejects and shredded material from the Sant'Antnin Waste Treatment Plant.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

22nd March, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Talba għal Sottomissjoni ta' Kotba ta' l-Ingliż għall-*Forms* 4 tal-*Junior Lyceum*

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bi ħsiebu jintroduċi kotba ta' l-Ingliż għall-klassijiet tal-*Form* 4 fil-*Junior Lyceum*.

Id-Direttur tal-Kurrikulu qiegħed jistieden lill-awturi, distributuri tal-kotba u lil dawk involuti f'dan il-qasam biex jibagħtu kopja/i ta' kotba/skemi għal skop ta' evalwazzjoni. Il-kotba/skemi mibgħuta għandhom ikunu bil-prezz ikkwotat magħhom.

Linji Gwida

Il-kotba għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji li ġejjin:–

1. Ikunu konformi mal-prinċipji, skopijiet u aspettattivi ġenerali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

2. Ikunu konformi ma' l-iskopijiet tas-sillabu tal-lingwa Ingliża għall-iskejjel sekondarji (l-Edizzjoni Riveduta ta' l-2002, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Malta) u s-sillabu tas-SEC (Università ta' Malta). Kopji tas-sillabu tal-lingwa Ingliża għall-iskejjel sekondarji (l-Edizzjoni Riveduta ta' l-2002, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Malta) jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Konsumatur, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

3. Ikunu jilħqu l-interessi, il-bżonnijiet u l-kompetenzi tat-tfal li jattendu l-*Form* 4 tal-*Junior Lyceum* u jridu jindirizzaw il-kontenut, il-ħiliet u l-atitudnijiet mitluba mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u mis-sillabu tal-lingwa Ingliża għall-*Form* 4 tal-*Junior Lyceum*.

4. Iridu jipprovdu firxa wiesgħa ta' testi u forom ta' kitba li jimpenjaw l-istudenti f'livelli differenti u jkun fihom eżerċizzi u xogħol li jilħaq il-livelli ta' ħilijiet li jkun hemm fl-istess klassi.

5. Iridu jkunu interessanti fil-kontenut, ipaxxu l-għajn fil-mod kif jippreżentaw il-kontenut u relevanti u adattati għat-tip ta' tfal li jattendu l-*Form* 4 tal-*Junior Lyceum*.

6. Ikunu jħaddmu metodoloġiji bbażati fuq l-integrazzjoni tal-ħiliet produttivi u riċettivi.

7. Il-kotba għandu jkollhom magħhom materjal awdjoviżiv jew interattiv li jagħti ħafna opportunitajiet biex wieħed jiżviluppa kompetenzi orali u ta' smigħ.

EDUCATION DIVISION

Call for Submission of English Text Books For Form 4 Junior Lyceum

The Curriculum Department within the Education Division intends to procure Language coursebooks for Form 4 in the Junior Lyceum.

The Director of the Curriculum Department invites authors, book distributors and publishers to submit a copy/copies of English course books/schemes for evaluation purposes. The books/schemes submitted for review under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price.

Guidelines

The books submitted for review must satisfy the following criteria:–

1. They should be in conformity with the principles, objectives and expectations enshrined in the National Minimum Curriculum.

2. They should meet the criteria, aims and objectives of the English Language Syllabus for Secondary School (Revised Edition 2002) and the SEC English Language Syllabus (University of Malta). Copies of the English Language Syllabus for Secondary Schools (Revised Edition 2002) may be obtained from the Customer Care Unit, Education Division, Floriana.

3. The coursebooks submitted must cater for the age-specific competencies, needs and interests of target students and must address the content, skills and attitudes required by the National Minimum Curriculum and the English Secondary School Syllabus for the category of students who will cover the chosen coursebook

4. The coursebooks should provide a wide selection of appropriately graded and challenging texts and genres of writing with stepped activities that allow for differentiation within classes.

5. The coursebooks should be lively in content, attractive in presentation and up-to-date in choice of material and suitable for the type of children attending Form 4 of the junior Lyceum.

6. The coursebooks should have an integrated skills approach that strikes a fine balance between the receptive and productive skills.

7. The coursebooks should come with audio-visual or interactive material that provides ample opportunities for the development of oral and aural competencies.

8. Ma jrid ikun fihom l-ebda ħjiel ta' sessiżmu, razziżmu, u kummenti mhux xierqa fir-rigward ta' l-anzjani.

9. Il-kotba m'għandhom jippreżentaw l-ebda diffikoltà lingwistika, morali, kulturali u konċettwali jkunu adatt.

10. Il-kotba għandhom jinkludu *resource packs* u kull materjal addizzjonali ieħor li jkun ta' ġid għal min qed jitgħallem kif ukoll l-għalliem.

11. Il-pubblikaturi għandhom jikkommettu ruħhom biex ifornu l-kotba magħżula, jekk ikun meħtieġ, għal perjodu minimu ta' għaxar snin.

Il-kotba għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' April, 2005 lil:–

The Textbook Selection Board,
Att. Mr G Camilleri EO,
c/o English Language Resource Centre,
89 Archbishop Street,
Valletta

Il-kotba sottomessi jiġu rritornati lil min ikun għamel is-sottomissjoni fi żmien raġonevoli.

It-22 ta' Marzu, 2005

8. The coursebooks should be free of any form of sexism, ageism and racism.

9. The coursebooks should not pose any serious difficulties concerning linguistic, moral, cultural and conceptual issues.

10. The coursebooks should incorporate resource packs and any other supplementary material that benefits learners and teachers.

11. The publishers should commit themselves to supplying the chosen coursebooks, if so required, for a minimum period of ten years.

Books are to be submitted for review by noon of Friday, 22nd April, 2005, and addressed to:–

The Textbook Selection Board,
Att. Mr G Camilleri EO,
c/o English Language Resource Centre,
89 Archbishop Street,
Valletta

The submitted books will be returned bach to whoever makes the submission in a reasonable period of time.

22nd March, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Sejħa għal Evalwazzjoni ta' Ktieb għall-*Business Studies*

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni qiegħed jaħseb biex jintroduċi ktieb għall-*Business Studies* biex jintuża fl-Iskejjel Sekondarji ta' l-Istat. Għal dan il-għan, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kurrikulu qiegħed jistieden lil awturi, pubblikaturi u bejjiegħa tal-kotba biex jissottomettu għall-evalwazzjoni kopja ta' ktieb għall-*Business Studies*. Ma' kull ktieb imressaq b'din is-sejħa għall-evalwazzjoni għandu jkun hemm kwotazzjoni tal-prezz skond il-kwantità ta' kotba.

Il-kotba mressqa għall-evalwazzjoni għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji:

1. Ikunu konformi mal-prinċipji, skopijiet u linji gwida ġenerali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, 1999).

2. Ikopru t-temi kollha tas-sillabu ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja 2004-2005 (CES), kif imfassal mill-Bord tal-MATSEC (Università ta' Malta).

3. Ikunu maħsuba biex jintużaw mill-istudenti li qegħdin isegwu l-kors ta' studju fil-*Business Studies* fir-4 u l-5 sena ta' l-Iskejjel Sekondarji u bejn it-3 u l-5 sena tal-*Junior Lyceums*.

EDUCATION DIVISION

Call for Submission of Business Studies Textbook

The Curriculum Department within the Education Division intends to procure textbooks for the subject of Business Studies in the Secondary Sector of State Schools. The Director of the Department of Curriculum within the Education Division invites authors, publishers and book distributors to submit one copy of Business Studies textbooks for evaluation purposes. Books submitted under this call should be accompanied by a quotation covering quantity price.

Books submitted for review have to satisfy the following criteria:

1. Be in conformity with the principles, objectives and general guidelines of the National Minimum Curriculum (Education Division, 1999).

2. Cover all areas of study in the 2004-2005 syllabus for the Secondary Education Certificate Examination (SEC) as set by the MATSEC Board (University of Malta).

3. Are meant for use by students who follow the Business Studies course of study covered in Forms 4 and 5 in Area Secondary Schools and Forms 3, 4 and 5 in Junior Lyceums.

4. Ikunu bil-lingwa Ingliża

5. Ikunu jinkludu:

(i) l-aħħar tagħrif dwar it-temi tas-sillabu tas-SEC;

(ii) kontenut miktub li jilħaq il-ħtiġiet ta' firxa kbira ta' abiltajiet b'illustrazzjonijiet (preferibbilment bil-kulur);

(iii) eżercizzji ta' livelli differenti biex jittestjaw kemm wieħed ikun fehem;

(iv) studji ta' każijiet relatati mas-sillabu;

(v) strateġiji ta' tagħlim fil-ħiliet ta' riċerka u investigazzjoni;

(vi) lista ta' suġġerimenti għal proġetti jew xogħol għal matul il-kors marbuta mat-temi studjati.

6. Tingħata preferenza lil kotba li jkunu akkumpanjati minn sett ta' attivitajiet għall-istudenti u/jew *CD-Rom* b'attivitajiet interattivi.

7. Gwida għall-għalliema li jiġi mal-ktieb ta' l-istudenti ikun meqjus bħala ta' għajnuna kbira u għandu jkun ippreżentat ukoll.

Il-kotba għandhom jintbagħtu sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' April, 2005 u għandhom jintbagħtu lil:–

Bord għall-Għażla tal-Kotba,
Ċentru tal-Kurrikulu,
Il-Mall, il-Furjana

Il-kotba sottomessi jiġu rritornati lil min ikun bagħathom wara perijodu raġonevoli ta' evalwazzjoni.

It-22 ta' Marzu, 2005

4. Text must be in English.

5. To include:

(i) updated information on the study areas in the SEC syllabus;

(ii) well-illustrated text (preferably in colour) which is clear for the needs of a wide ability range of students;

(iii) graded exercises testing understanding;

(iv) case studies as exemplars related to the syllabus topics;

(v) research skills and investigative learning approaches, and;

(vi) a list of suggested topics for projects/coursework in conformity with syllabus topics.

6. Books accompanied by a Pack of Students' Activity Sheets and/or a CD-Rom with interactive activities for learners are preferred.

7. Teachers' handbook/guide that accompanies the students' textbook is considered as an asset and should also be presented

Books are to be submitted by not later than noon of Friday, 22nd April, 2005 and addressed to:–

The Textbook Selection Board,
Curriculum Centre,
The Mall, Floriana

Books submitted will be returned to the supplier/s after a reasonable review period.

22nd March, 2005

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' April, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-16-05. Provvista u twaħħil ta' stallazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi fl-Iskola Primarja Sant'Anna, Marsascala.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-7 ta' April, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-11-05. Intervenzti strutturali lill-laboratorji ta' l-ikel fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet Adelaide Cini, il-Ħamrun.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 6th April, 2005, for:-

Advt. No. FTS-16-05. Supply and fixing of electrical and mechanical installations at the St Anne Primary School, Marsascala.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 7th April, 2005, for:-

Advt. No. FTS-11-05. Structural interventions to food laboratories at the Adelaide Cini Girls' Secondary School, Hamrun.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinksibu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa wara l-10.00 a.m.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Marzu, 2005

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Friday after 10.00 a.m.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days, as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

22nd March, 2005

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' April, 2005, jintlaqgħu proposti magħluqin fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta, għal:–

Proposta Nru. MITI/134/2005. Żvilupp u implimentazzjoni ta' *eService Website* għall-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Protezzjoni ta' *Data.*

Proposta Nru. MITI/135/2005. Disinn, żvilupp, implimentazzjoni u tħaddim ta' *eHealth Portal* għall-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità.

Kopja ta' l-*RFP's* tista' titniżżel mill-*website:*
www.miti.gov.mt

Aktar tagħrif dwar dawn iż-żewġ proposti jista' jinkiseb mill-indirizz imsemmi hawn fuq.

It-22 ta' Marzu, 2005

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Permanent Secretary, Ministry for Investment, Industry and Information Technology, notifies that:–

Sealed proposals will be received in the Tender Box at the office of the Permanent Secretary, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta, up to 10.00 a.m. of Friday, 15th April, 2005, for:–

Proposal No. MITI/134/2005. Development and implimentation of eService Website for the Office of the Commissioner for Data Protection.

Proposal No. MITI/135/2005. Design, development, implimentation and operation of an eHealth Portal for the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

A copy of the RFP's can be downloaded from the website:
www.miti.gov.mt

Further information regarding these two proposals can be obtained from the above mentioned address.

22nd March, 2005

DIRETTORAT TA' L-AWDITJAR INTERN U INVESTIGAZZJONIJIET

Id-Direttur, Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' April, 2005, fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, Sular ta' Isfel, Valletta Buildings, Triq Nofsinhar, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. IAID01/05. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' *server, hardware* u sistema ta' sigurtà għad-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet.

Din l-offerta hija ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Direttorat ta' l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, is-Sular ta' Isfel, Valletta Buildings, Triq Nofsinhar, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-pubbliku jistgħa jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija hawn fuq.

It-22 ta' Marzu, 2005

INTERNAL AUDIT AND INVESTIGATIONS DIRECTORATE

The Director, Internal Audit and Investigations Directorate notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Tender Box of the Internal Audit and Investigations Directorate, Lower Ground Floor, Valletta Buildings, Triq Nofsinhar, Valletta, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 19th April, 2005, for:-

Advt. No. IAID01/05. Supply, delivery and installation of a server, hardware and security system for the Internal Audit and Investigations Directorate.

This tender is funded by the European Union.

Tender documents are obtainable on application from the Internal Audit and Investigations Directorate, Lower Ground Floor, Valletta Buildings, Triq Nofsinhar, Valletta, Tel. 21237737, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

22nd March, 2005

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' April 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. T05/05. Traqqigħ ta' toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta relattivi jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u s-1.30 p.m. u l-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa).

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

It-22 ta' Marzu, 2005

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to noon of Monday, 18th April 2005, for:-

Advt. No. T05/05. Patching of roads.

A fee of Lm25 is to be paid for each copy of tender document.

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, 21st September Avenue, Naxxar, from 8.00 a.m. to noon and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m. (Monday to Friday).

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

22nd March, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

539

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Ottubru 2004, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 719/2004 GV, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177) vs Christopher Cachia et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177) ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-28 ta' Settembru 2004, kontra Christopher Cachia u martu Doreen Cachia ID Card numri 156369(M) u 32470(M) rispettivament fejn talbu l-konvenuti jghidu għaliex għar-raġunijiet premessi dina l-Qorti m'għandhiex:

tiddeċiedi skond it-talba sussegwenti tal-bank attur bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża kif dispost fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

